

# L-Enerġija prijorità għall-Ewropa

Ilkoll nafu li t-taqlib politiku li seħħ f'dawn l-aħħar xhur f'xi pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq ġab żieda fil-prezzijiet taż-żejt. Dan juri kemm huwa importanti li pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea jaħdmu aktar flimkien fil-qasam tal-enerġija. Fil-laqgħa tal-Kunsill tal-UE dwar l-enerġija, il-ministri ħarġu b'numru ta' proposti biex is-suq tal-enerġija, li huwa daqshekk kruċjali għall-ħajja tagħna ta' kuljum, jaħdem b'mod aħjar anki għalina ċ-ċittadini.

Dawn li ġejjin huma xi miżuri li l-Unjoni Ewropea qiegħda tieħu f'dan is-settur:

- It-tisħiħ ta' suq wieħed fis-settur tal-enerġija. Dan jinkludi l-forniment ta' *fuel*, kemm għall-vetturi kif ukoll għad-dawl li nużaw fil-postijiet tax-xogħol u d-djar tagħna.
- It-trasport pubbliku huwa għodda importanti ħafna għall-użu aħjar tal-enerġija u s-servizzi pubbliċi.
- Fis-snin li ġejjin ser isiru reviżjonijiet tas-sistemi ta' tikkettjar dwar l-effiċjenza tal-użu tal-enerġija tal-apparat domestiku.
- Ħidma iktar koordinata bejn il-pajjiżi tal-UE ħalli l-ebda pajjiż ma jkun maqtugħ għalih waħdu fil-forniment tal-enerġija u d-dawl. Dan għandu jsir permezz ta' sistemi li jgħaqqdu l-pajjiżi flimkien permezz ta' grid sa mhux iktar tard mis-sena 2015.
- It-tisħiħ tal-oqsma tar-riċerka u l-innovazzjoni fejn jidħlu teknoloġiji li ma jniġġsux. Hemm qbil li t-teknoloġija għandha tindirizza kemm jista' jkun il-bżonnijiet tal-konsumaturi.

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas